**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar t-8 ta' April 2024**

**Rikors Nru : 611/2023JPG**

**Kawza Nru : 20**

**MS**

**U**

**SS**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 14 ta' Novembru 2023 a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu f'Malta nhar it-tletin (30) t'April tas-sena elfejn u hamsa (2005) gewwa l-Parrocca ta' Santu Wistin il-Belt Valletta;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldu l-minuri, MTS u MLS li llum ghandhom X il-sena u Y snin rispettivament;*

3. *Illi l-partijiet effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Dorianne Sciberras fit-tminitax ta' Lulju (18) tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022); kopja hawn annessa u mmarkat bhala Dok 'A';*

4. *Illi l-manteniment favur il-minuri huwa regolat bl-istess kuntratt tas-separazzjoni u l-partijiet jabqlu li l-minuri qed jircievu manteniment adegwat, fil-hin u skont dak pattwit fil-kuntratt tas-separazzjoni u ghalhekk il-kundizzjonijiet kollha li jirrigwardaw l-aspetti kollha tal-hajja tal-minuri se jibqghu l-istess;*

5. *Illi l-partijiet ilhom ma jghixu mhux flimkien 'l fuq minn erba' (4) snin kif titlob il-Ligi;*

6. *Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

7. *Illi ghalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1) *Tiddikjara li ż-żwieġ taghhom celebrat nhar it-tletin (30) t'April tas-sena elfejn u hamsa (2005) gewwa l-Parocca ta' Santu Wistin il-Belt Valletta, mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

2) *Konsegwentement tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku.*

*U dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportuni fic-cirkostanzi.*

*Bl-ispejjez a karigu taz-zewg partijiet f'sehem indaqs bejniethom.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;.

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MS xehdet** (vide affidavit fol 3) illi l-partijiet izzewgu nhar it-30 t'April 2005 u minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, it-tnejn ghadhom minorenni. Sostniet illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat 18 ta' Lulju 2022 in atti tan-Nutar Dr Dorianne Sciberras. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u li ilhom jghixu hajja totalment independenti u separata minn xulxin. Di piu' ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut.

**SS xehed** (vide fol 4) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor,***

***fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 t'April 2005, liema zwieg jgib certifikat numru 424/2005 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 24). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minuri.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 18 ta' Lulju 2022 in atti tan-Nutar Dr Dorianne Sciberras. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 424/2005 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**